A.L. 70 ta' l-2006

ATT DWAR IS-SIGURTÀ FL-IKEL
(KAP. 449)

Regolamenti ta' l-2006 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Twaħħil ta' Tikketti, Preżentazzjoni u Riklamar ta' Oġġetti ta' l-Ikel

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artiklu 10 ta' l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel, il-Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2006 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Twaħħil ta' Tikketti, Preżentazzjoni u Riklamar ta' Oġġetti ta' l-Ikel, u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2004 dwar Twaħħil ta' Tikketti, Preżentazzjoni u Riklamar ta' Oġġetti ta' l-Ikel, hawn iktar 'l quddiem imsejjħin "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 483 ta' l-2004.

Skop u bidu fis-seħħ.

2. Dawn ir-regolamenti aktar jimplimentaw il-provvedimenti tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2005/26/KE tal-21 ta' Marzu, 2005 u tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2005/63/KE tat-3 ta' Ottubru, 2005 u jemendaw ir-regolamenti prinċipali kif emendati bir-Regolamenti ta' l-2005 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Twaħħil ta' Tikketti, Preżentazzjoni u Riklamar ta' Oġġetti ta' l-Ikel (Emenda Nru. 2), u għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ flimkien mar-regolamenti li jemendaw hawn qabel imsemmija fil-25 ta' Novembru, 2005.

A.L. 339 ta' l-2005.

Jemenda t-Tielet Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

3. F'Parti Ċ tat-Tielet Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, għar-rigward ta' l-Ingredjent "Ħut", fil-kolonna korrispondenti "Prodotti li ġejjin minnu eskluży provisjonalment" minflok il-kliem "*carrier* għall-vitamini u togħmiet" għandhom jidħlu l-kliem "*carrier* għall-vitamini jew preparamenti tal-karotenojdi u togħmiet".